32000R1615

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 1615/2000
ta' l-24 ta' Lulju 2000
li jidderoga mir-Regolament (KE) Nru 2454/93 f'dak li jirrigwardja d-definizzjoni tal-kunċett ta' prodotti oriġinanti użata għall-iskopijiet ta' l-iskema ta' preferenzi ġeneralizzati biex jieħu inkonsiderazzjoni l-qagħda speċjali tan-Nepal rigward ċerti prodotti magħmula mit-tessuti esportati lejn il-Komunità

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jistabbbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunità [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 955/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2], u speċjalment l-Artikolu 249 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunità [3], kif l-aħħar emendat bir-Regolament Nru 1662/1999 [4], u speċjalment l-Artikolu 76 tiegħu,

Billi:

(1) Bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2820/98 tal-21 ta' Diċembru 1998 li japplika skema multiannwali ta' preferenzi ta' tariffi ġeneralizzati għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 1999 sal-31 ta' Diċembru 2001 [5], kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1318/2000 [6], il-Komunità tat preferenzi bħal dawn lin-Nepal.

(2) L-Artikoli 67 sa 97 tar-Regolament (KEE) Nru 2454/83 jistabbilixxu d-definizzjoni tal-kunċett ta' prodotti oriġinanti li għandha tintuża għall-iskopijiet ta' preferenzi ta' tariffi ġeneralizzati. L-Artikolu 76 ta' dak ir-Regolament jipprovdi, madanakollu, għal derogi minn dawk id-dispożizzjonijiet favur il-pajjiżi anqas żviluppati benefiċjarji mill-GSP li jagħmlu talba xierqa f'dak is-sens lejn il-Komunità.

(3) Bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1539/1999 [7], in-Nepal kiseb deroga bħal din għal ċerti tessuti, għall-perjodu mill-15 ta' Lulju 1999 sa l-14 ta' Lulju 2000.

(4) It-talba magħmula min-Nepal tissodisfa l-ħtiġijiet ta' l-Artikolu 76 tar-Regolamnet (KEE) Nru 2454/93. Speċjalment id-dħul ta' kundizzjonijiet kwantitattivi (fuq bażi annwali) li tirrifletti l-kapaċità tas-suq tal-Komunità li jassorbi l-prodotti Nepaliżi, kemm jiflaħ jesporta n-Nepal u t-tnixxija rrrekordjata attwali tal-kummerċ negozju, hija tali li tipprevjeni ħsara lill-fergħat korrispondenti ta' l-industrija tal-Komunità. Id-deroga għandha tkun addattata, madanakollu, b'referenza għall-ħtiġijiet ekonomiċi.

(5) Biex tinkoraġġixxi kooperazzjoni reġjonali fost il-pajjiżi benefiċjarji, huwa mixtieq li jsir provvediment biex il-materji primi li għandhom jintużaw fin-Nepal fil-kuntest ta' din id-deroga joriġinaw fil-pajjiżi li jiffurmaw parti mill-Għaqda tan-Nazzjonijiet Asjatiċi tax-Xlokk (ASEAN) (ħlief il-Mijanmar), lill-Għaqda Asjatika tan-Nofs in-nhar għall-Kooperazzjoni Reġjonali (SAARC) jew lill-Ftehim ta' Shubija ACP-KE.

(6) L-amministrazzjoni miftuħa u effettiva ta' dawn il-miżuri għandha tkun assigurata bl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet relevanti, għat-tmexxija tal-kwoti ta' tariffi, stabbiliti fir-Regolament (KEE) Nru 2454/93, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1427/97 [8].

(7) Kwalunkwe talba biex tiżdied l-applikazzjoni tad-deroga għal aktar mill-ammonti li hemm provvediment dwarhom għandha tkun ikkunsidrata b'konsultazzjoni ma' l-awtoritajiet tan-Nepal.

(8) Biex tkun kompletament effettiva, id-deroga għandha tingħata għal tul ta' żmien xieraq, jiġifieri, sal-31 ta' Diċembru 2001 meta r-Regolament (KE) Nru 2820/98 jiskadi.

(9) Il-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'dan ir-Regolament huma bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

1. Bħala deroga mill-Artikoli 67 sa 97 tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93, il-prodotti elenkati fl-Anness ta' dan ir-Regolament li huma ffabbrikati fin-Nepal minn drapp minsuġ (oġġetti minsuġa) jew ħajt mibrum (oġġetti mmaljati) importati f'dak il-pajjiż u li joriġinaw f'pajjiż li jagħmel parti mill-Għaqda tan-Nazzjonijiet Asjatiċi tax-Xlokk (ASEAN) (ħlief il-Mijanmar), mill-Għaqda Asjatika tan-Nofs in-Nhar għall-Kooperazzjoni Reġjonali (SAARC) jew mill-Ftehim ta' Shubija ACP-KE għandhom jitqiesu li joriġinaw min-Nepal bi qbil ma' l-arranġamenti stabbiliti hawn taħt.

[1] ĠU L 302, tad-19.10.1992, p. 1.
[2] ĠU L 119, tas-7.5.1999, p. 1.
[3] ĠU L 253, tal-11.10.1993, p. 1.
[4] ĠU L 197, tad-29.7.1999, p. 25.
[5] ĠU L 357, tat-30.12.1998, p. 1.
[6] ĠU L 148, tat-22.6.2000, p. 28.
[7] ĠU L 178, ta' l-14.7.1999, p. 42.
[8] ĠU L 196, ta' l-24.7.1997, p. 31.

2. Għall-iskopijiet tal-paragrafu 1, il-prodotti jitqiesu li oriġinaw mill-ASEAN jew mill-SAARC meta jinkisbu f'dawn il-pajjiżi skond ir-regoli ta' l-oriġini li hemm provvediment dwarhom fl-Artikoli 67 sa 97 tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93, jew li oriġinaw f'pajjiżi tal-Ftehim ta' Sħubija ACP-KE meta jkunu akkwistati f'dawk il-pajjiżi skond ir-regoli ta' oriġini li hemm provvediment dwarhom fil-Protokoll Nru 1 tal-Ftehim ta' Sħubija ACP-KE [1].

3. L-awtoritajiet kompetenti tan-Nepal għandhom jimpenjaw irwieħhom li jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jasssiguraw konformità mad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 2.

L-Artikolu 2

Id-deroga li hemm provvediment dwarha fl-Artikolu 1 tapplika għall-prodotti ttrasportati direttament min-Nepal u importati fil-Komunità matul il-perjodu mill-15 ta' Lulju 2000 sal-31 ta' Diċembru 2001, sa l-ammonti annwali elenkati fl-Anness biswit kull prodott.

L-Artikolu 3

L-ammonti li hemm referenza dwarhom fl-Artikolu 2 għandhom ikunu amministrati mill-Kummissjoni, bi qbil mad-dispożizzjonijiet stabiliti fl-Artikolu 308a sa 308ċ tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93.

L-Artikolu 4

Meta l-ġbid skond l-Artikolu 3 jwassal għal 80 % tal-kwantitajiet murija fl-Anness, il-Kummissjoni, b'konsultazzjoni ma' l-awtoritajiet Nepaliżi, għandha tikkunsidra jekk hux meħtieġ li testendi l-applikazzjoni tad-deroga lil hinn minn dawk l-ammonti.

L-Artikolu 5

Dan li ġej għandu jitniżżel fil-kaxxa 4 taċ-ċertifikati ta' oriġini Formola A maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti tan-Nepal skond dan ir-Regolament:

"Deroga — Regolament (KE) Nru 1615/2000"

L-Artikolu 6

F'każ ta' dubju, l-Istati Membri jistgħu jitolbu kopja tad-dokument li jiċċertifika l-oriġini tal-materjali użati fin-Nepal permezz ta' din id-deroga. Din it-talba tista' ssir fiż-żmien tad-dħul f'ċirkolazzjoni libera ta' l-oġġetti li jgawdu minn dan ir-Regolament, jew fil-qafas tal-kooperazzjoni amministrattiva li hemm provvediment dwarha fl-Artikolu 94 tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93.

L-Artikolu 7

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-24 ta' Lulju 2000.

Għall-Kummissjoni

Frederik BOLKESTEIN

Membru tal-Kummissjoni

[1] Għadu mhux ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali.

L-ANNESS

Nru ta' l-ordni	Kategorija tat-tessuti	Nomenklatura Maghquda	Deskrizzjoni ta' l-oġġetti	Kwantità (1.1 sa 31.12)
09.8003	6	6203 41 10 6203 41 90 6203 42 31 6203 42 33 6203 42 35 6203 42 90 6203 43 19 6203 43 90 6203 49 19 6203 49 50 6204 61 10 6204 62 31 6204 62 33 6204 62 39 6204 63 18 6204 69 18 6211 32 42 6211 33 42 6211 42 42 6211 43 42	Qliezet qosra li jintrabtu taħt l-irkobba, xorts li mhumiex malji ta' l-għawm u qliezet (li jinkludu *slacks*) minsuġin ta' l-irġiel jew tas-subien; qliezet jew *slacks* minsuġin tan-nisa jew tal-bniet, tas-suf, tal-qoton jew magħmulin minn fibri sintetiċi; il-partijiet ta' isfel ta' *tracksuits* bl-inforra, minbarra l-kategorija 16 jew 29, tal-qoton jew magħmulin minn fibri sintetiċi	573 674 biċċa
09.8004	7	6106 10 00 6106 20 00 6106 90 10 6206 20 00 6206 30 00 6206 40 00	*Blouses*, qomos u *shirt-blouses* tan-nisa jew tal-bniet, kemm jekk innittjati u kemm jekk maħdumin bil-ganċ, tas-suf, tal-qoton jew magħmulin minn fibri sintetiċi	445 688 bicca
09.8005	8	6205 10 00 6205 20 00 6205 30 00	Qomos ta' l-irġiel jew tas-subien, mhux innittjati jew maħdumin bil-ganċ, tas-suf, tal-qoton jew magħmulin minn fibri sintetiċi	97 747 biċċa
09.8006	10	6111 10 10 6111 20 10 6111 30 10 ex 6111 90 00 6116 10 20 6116 10 80 6116 91 00 6116 92 00 6116 93 00 6116 99 00	Ingwanti, *mittens* u *mitts*, innittjati jew maħdumin bil-ganċ	1 246 351 par
09.8007	12	6115 12 00 6115 19 00 6115 20 11 6115 20 90 6115 91 00 6115 92 00 6115 93 10 6115 93 30 6115 93 99 6115 99 00	*Panty-hose* u tajts, kalzetti twal tan-nisa, *understockings*, kalzetti, kalzetti qosra sa l-għaksa, *sockettes* u simili, innittjati u maħdumin bil-ganċ, mhux tat-trabi, li jinkludu kalzetti għal vini varikuži, minbarra prodotti ta' kategorija 70	553 615-il par

Nru ta' l-ordni	Kategorija tat-tessuti	Nomenklatura Magħquda	Deskrizzjoni ta' l-oġġetti	Kwantità (1.1 sa 31.12)
09.8009	14	6201 11 00 ex 6201 12 10 ex 6201 12 90 ex 6201 13 10 ex 6201 13 90 6201 20 00	Kappotti, *raincoats* u kowtijiet, imnatar u kapep oħra ta' l-irġiel jew tas-subien; tas-suf jew tal-qoton jew ta' fibri ffabbrikati (għajr *parkas* ta' kategorija 21)	55 003 biċċiet
09.8010	15	6202 11 00 ex 6202 12 10 ex 6202 12 90 ex 6202 13 10 ex 6202 13 90 6204 31 00 6204 32 90 6204 33 90 6204 39 19 6210 30 00	Kappotti, *raincoats* u kowtijiet, imnatar u kapep oħra tan-nisa jew tal-bniet; ġkieket u *blazers* tas-suf jew tal-qoton jew ta' fibri ffabbrikati (għajr *parkas* ta' kategorija 21)	380 049 biċċa
09.8011	16	6203 11 00 6203 12 00 6203 19 10 6203 19 30 6203 21 00 6203 22 80 6203 23 80 6203 29 18 6211 32 31 6211 33 31	Ilbiesi u *ensembles* ta' l-irġiel jew tas-subien, għajr dawk innittjati jew maħdumin bil-ganċ, tas-suf, tal-qoton jew ta' fibri ffabbrikati, għajr ilbiesi ta' l-iski, *tracksuits* ta' l-irġiel jew tas-subien bil-*lining*, bid-drapp ta' barra magħmul minn drapp wieħed identiku, tal-qoton jew ta' fibri ffabbrikati	32 985 biċċa
09.8012	17	6203 31 00 6203 32 90 6203 33 90 6203 39 19	Ġkieket u *blazers* ta' l-irġiel jew tas-subien għajr dawk innittjati jew maħdumin bil-ganċ, tas-suf, tal-qoton jew ta' fibri ffabbrikati	123 685 biċċa
09.8013	18	6207 11 00 6207 19 00 6207 21 00 6207 22 00 6207 29 00 6207 91 10 6207 91 90 6207 92 00 6207 99 00	*Singlets* u flokkijiet ta' taħt oħra, qliezet ta' taħt, *briefs*, qomos ta' billejl, piġami, ilbiesi tal-banju, ġagagi u oġġetti simili għajr dawk innittjati jew maħdumin bil-ganċ ta' l-irġiel jew tas-subien	252 tunnellata
		6208 11 00 6208 19 10 6208 19 90 6208 21 00 6208 22 00 6208 29 00 6208 91 11 6208 91 19 6208 91 90 6208 92 00 6208 99 00 ex 6212 10 10	*Singlets* u flokkijiet ta' taħt oħra, *slips*, *petticoats*, *briefs*, qliezet ta' taħt tan-nisa, qomos ta' billejl, piġami, ilbiesi tal-banju, ġagagi u oġġetti simili għajr dawk innittjati jew maħdumin bil-ganċ tan-nisa jew tal—bniet	

Nru ta' l-ordni	Kategorija tat-tessuti	Nomenklatura Maghquda	Deskrizzjoni ta' l-oġġetti	Kwantità (1.1 sa 31.12)
09.8014	21	ex 6201 12 10 ex 6201 12 90 ex 6201 13 10 ex 6201 13 90 6201 91 00 6201 92 00 6201 93 00 ex 6202 12 10 ex 6202 12 90 ex 6202 13 10 ex 6202 13 90 6202 91 00 6202 92 00 6202 93 00 6211 32 41 6211 33 41 6211 42 41 6211 43 41	*Parkas; anoraks, wind-cheaters*, kowtijiet li jidjiequ fil-qadd u simili, minbarra dawk innittjati jew maħdumin bil-ganċ, tas-suf, tal-qoton jew magħmulin minn fibri sintetiċi, partijiet ta' fuq ta' *tracksuits* bl-inforra, minbarra ta' kategorija 16 jew 29, tal-qoton jew magħmulin minn fibri sintetiċi	30 083 biċċa
09.8016	26	6104 41 00 6104 42 00 6104 43 00 6104 44 00 6204 41 00 6204 42 00 6204 43 00 6204 44 00	Ilbiesi tan-nisa jew tal-bniet, tas-suf, tal-qoton, jew magħmulin minn fibri sintetiċi	1 615 767 biċċa
09.8017	27	6104 51 00 6104 52 00 6104 53 00 6104 59 00 6204 51 00 6204 52 00 6204 53 00 6204 59 10	Dbielet tan-nisa jew tal-bniet, li jinkludu *divided-skirts*	349 416-il biċċa
09.8019	29	6204 11 00 6204 12 00 6204 13 00 6204 19 10 6204 21 00 6204 22 80 6204 23 80 6204 29 18 6211 42 31 6211 43 31	*Suits* u *ensembles* tan-nisa jew tal-bniet, minbarra dawk innittjati u maħdumin bil-ganċ, tas-suf, tal-qoton jew magħmulin minn fibri sintetiċi, li jeskludu *ski-suits; tracksuits* bl-inforra tan-nisa jew tal-bniet, b'għatja minn barra ta' tessut identiku, tal-qoton jew magħmulin minn fibri sintetiċi	135 935 bicca
09.8020	31	ex 6212 10 10 6212 10 90	*Brassières*, minsuġin, innittjati u dawk maħdumin bil-ganċ	1 100 bicca
09.8021	68	6111 10 90 6111 20 90 6111 30 90 ex 6111 90 00 ex 6209 10 00 ex 6209 20 00 ex 6209 30 00 ex 6209 90 00	Ħwejjeġ tat-trabi u accessorji ta' l-ilbies, li jeskludu ingwanti, *mittens* u *mitts* tat-trabi, ta' kategorija 10 u 87, u kalzetti twal, kalzetti u kalzetti qosra tat-trabi, minbarra dawk innittjati jew maħdumin bil-ganċ ta' kategorija 88	19-il tunnellata

Nru ta' l-ordni	Kategorija tat-tessuti	Nomenklatura Maħquda	Deskrizzjoni ta' l-oġġetti	Kwantità (1.1 sa 31.12)
09.8023	72	6112 31 10 6112 31 90 6112 39 10 6112 39 90 6112 41 10 6112 41 90 6112 49 10 6112 49 90 6211 11 00 6211 12 00	Ilbies ta' l-għawm, tas-suf, tal-qoton jew magħmul minn fibri sintetiċi	7 112-il bicca
09.8027	76	6203 22 10 6203 23 10 6203 29 11 6203 32 10 6203 33 10 6203 39 11 6203 42 11 6203 42 51 6203 43 11 6203 43 31 6203 49 11 6203 49 31 6211 32 10 6211 33 10	Ilbies industrijali jew tax-xogħol ta' l-irġiel jew tas-subien, minbarra dak innittjat jew maħdum bil-ganċ	6 tunnellati
		6204 22 10 6204 23 10 6204 29 11 6204 32 10 6204 33 10 6204 39 11 6204 62 11 6204 62 51 6204 63 11 6204 63 31 6204 69 11 6204 69 31 6211 42 10 6211 43 10	Fradal, fradal imlaħalħin u lbies iehor industrijali jew tax-xogħol, minbarra dak innittjat jew maħdum bil-ganċ	
09.8028	78	6203 41 30 6203 42 59 6203 43 39 6203 49 39 6204 61 80 6204 61 90 6204 62 59 6204 62 90 6204 63 39 6204 63 90 6204 69 39 6204 69 50 6210 40 00 6210 50 00 6211 31 00 6211 32 90 6211 33 90 6211 41 00 6211 42 90 6211 43 90	Ħwejjeġ, minbarra dawk innittjati jew maħdumin bil-ganċ, minbarra ħwejjeġ ta' kategoriji 6, 7, 8, 14, 15, 16, 17, 18, 21, 26, 27, 29, 68, 72, 76 u 77	95 tunnellata

Nru ta' l-ordni	Kategorija tat-tessuti	Nomenklatura Maghquda	Deskrizzjoni ta' l-oġġetti	Kwantità (1.1 sa 31.12)
09.8030	84	6214 20 00 6214 30 00 6214 40 00 6214 90 10	Xalel, imkatar, xalpi, mantilji, veli u simili, minbarra dawk innittjati jew maħdumin bil-ganċ, tas-suf, tal-qoton jew magħmulin minn fibri sintetiċi	75 tunnellata
09.8031	86	6212 20 00 6212 30 00 6212 90 00	Kurpetti, cinturini tal-kurpetti, cinturini tal-kalzetti tan-nisa, *suspenders*, takkalji u simili, u partijiet minnhom, kemm jekk ikunu innittjati jew maħdumin bil-ganċ u kemm jekk le	1 100 bicca
09.8034	159	6204 49 10 6206 10 00	Ilbiesi, blużi, u *shirt-blouses*, mhux innittjati jew maħdumin bil-ganċ,	5 tunnellati
		6214 10 00	magħmulin minn skart tal-ħarir Xalel, imkatar, xalpi, mantilji, veli u simili, mhux innittjati jew tal-kroxè, tal-ħarir jew ta' skart tal-ħarir	
		6215 10 00	Ingravati, ċfief u *cravats*, tal-ħarir jew ta' skart tal-ħarir	
09.8035	161	6201 19 00 6201 99 00 6202 19 00 6202 99 00 6203 19 90 6203 29 90 6203 39 90 6203 49 90 6204 19 90 6204 29 90 6204 39 90 6204 49 90 6204 59 90 6204 69 90 6205 90 10 6205 90 90 6206 90 10 6206 90 90 ex 6211 20 00 6211 39 00 6211 49 00	Ħwejjeġ mhux innittjati jew maħdumin bil-ganċ, minbarra dawk ta' kategoriji 1 sa 123 u ta' kategorija 159	62 tunnellata
09.8036	20	6302 21 00 6302 22 90 6302 29 90 6302 31 10 6302 31 90 6302 32 90 6302 39 90	Lożor, minbarra dawk innittjati jew dawk maħdumin bil-ganċ	3 tunnellati
09.8037	40	ex 6303 91 00 ex 6303 92 90 ex 6303 99 90 6304 19 10 ex 6304 19 90 6304 92 00 ex 6304 93 00 ex 6304 99 00	Purtieri minsuġin (li jinkludu dendil ta' purtieri, *blinds* ta' ġewwa, pavaljuni/dendil tal-purtieri u tas-sodda u oġġetti oħra li jgħammru), minbarra dawk innittjati jew maħdumin bil-ganċ, tas-suf, tal-qoton jew magħmulin minn fibri sintetiċi	80 tunnellata
09.8038	91	6306 21 00 6306 22 00 6306 29 00	Tined	1,1 tunnellata

Nru ta' l-ordni	Kategorija tat-tessuti	Nomenklatura Magħquda	Deskrizzjoni ta' l-oġġetti	Kwantità (1.1 sa 31.12)
09.8039	109	6306 11 00 6306 12 00 6306 19 00 6306 31 00 6306 39 00	Tarpolini, qlugħ, tined u *blinds* tax-xemx	11-il tunnellata
09.8040	110	6306 41 00 6306 49 00	Saqqijiet pnewmatiċi minsuġin	1,1 tunnellata
09.8041	111	6306 91 00 6306 99 00	Oġġetti tal-kampeġġ, minsuġin, minbarra saqqijiet pnewmatiċi u tined	1,1 tunnellata